## SAGRISTAN ĠDID

Il-parroċċa tilqa' u tagħti merħba lil Ivan Attard li ser ikun impjegat bħala sagristan ġdid tal-Bażilika tagħna fuq bażi full-time. Grazzi lil Marco Azzopardi tas-servizz prezzjuż li ta bħala sagristan għal snin twal. U grazzi wkoll lit-tim ta' voluntiera li kontinwament jgħinu f'dan ix-xogħol, speċjalment matul dawn l-aħħar xhur. Żgur li dan is-servizz volontarju tagħhom ser ikompli jikkumplimenta u jsaħħaħ il-ħidma tas-sagristan il-ġdid għaż-żmien li ġej fil-ħafna xogħol li jkun hemm bżonn ta' kuljum fil-knisja tagħna. Inħeġġu oħrajn li jixtiequ jgħinu bħala voluntiera sabiex ikellmuna fil-ġimgħat li ġejjin.

Nawguraw minn qalbna lil Ivan għal snin twal ta' ħidma fejjieda fid-dar tal-Mulej, u nwegħduh it-talb tagħna.

---

### Avviżi:

Nhar il-Ħadd 23 ta' Marzu, fil-quddiesa tal-11.00am ser jingħaqdu magħna membri mill-komunità tal-Arka u wara l-quddiesa ser ikollhom festin iċ-Ċentru Parrokkjali maż-żgħażagħ tagħna. Dawk il-benefatturi li jixtiequ jgħinu biex isir dan il-festin jistgħu javviċinaw lil Dun Mark Bonello.

Il-ġenituri ta' tfal li twieldu fl-2022 jistgħu jirreġistraw lil uliedhom fl-iskola Primarja tan-Nadur għall-Kindergarten (Kinder 1). L-applikazzjonijiet jibdew jintlaqgħu mit-Tnejn 24 ta' Marzu.

Nhar il-Ħamis 20 ta' Marzu l-Kunsill Lokali qed jorganizza **ħarġa għall-anzjani u taħdita dwar is-saħħa mentali** ġewwa Villa Fiorita, Marsalforn. Trasport mill-pjazza tan-Nadur fl-9.45am. Tombla u ikel fil-Lantern Restaurant. Inkitbu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Nhar is-Sibt 5 ta' April, se tiġi organizzata ġurnata ta' spiritwalità (Irtir) f'Kemmuna, immexxija minn Dun Ġużepp Attard. Tluq fit-8.30am minn fejn iċ-Ċentru Parrokkjali u niġu lura fit-3.00pm (Ara l-programm fil-noticeboard tal-knisja jew fuq Facebook). Għal aktar informazzjoni u booking kellmu lil Dun Ġużepp fuq 99847099.

**SEHEM fil-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA: PERSUNAĠĠI u SULDATI**

Dawk kollha li s-soltu jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll oħrajn ġodda li jixtiequ jieħdu sehem huma mitluba sabiex ikellmu lil Mark Azzopardi fuq in-numru 99866777 sal-Ħadd 6 ta' April.

**L-Erbgħa 19 ta' Marzu: FESTA TA' SAN ĠUŻEPP**

**Pellegrinaġġ Speċjali**

Tluq bil-mixi fid-9.15am minn quddiem iċ-Ċentru, lejn il-Knisja Parrokkjali tal-Qala li hi ddedikata lill-Patroċinju ta' San Ġużepp, ħarries tal-Knisja. Hemmhekk ser niċċelebraw flimkien quddiesa fl-10.00am immexxija mill-Arċipriet Dun Krystof. Wara l-quddiesa nirritornaw lura bil-mixi lejn in-Nadur.

L-Għaqda Dun Franġisk Grima tavża li ser nieħdu sehem fil-pellegrinaġġ u toffri s-servizz tat-trasport għall-anzjani li jeħtiġuh. Min jixtieq, tajjeb li jċempel u javża minn qabel lil Tonina Sammut fuq 79923153.

Il-grupp tal-abbatini tal-parroċċa tagħna wkoll ser jieħdu sehem f'dan il-pellegrinaġġ u wara l-quddiesa ser ikollhom mument ta' rtir, b'riflessjonijiet u attivitajiet apposta għalihom fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Qala. Wara l-pranzu jirritornaw lura bil-mixi lejn in-Nadur.

**Nofstanhar Irtir**

Il-Gruppi ta' Talb ta' Patri Piju ser jorganizzaw irtir fil-knisja tal-Kapuċċini, tar-Rabat Għawdex: jibda biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fid-9.00am, u jagħlaq f'12.00pm.

**Ftuħ taċ-Ċimiterji**

Iċ-Ċimiterji ta' Kenuna u tal-Ħniena Divina ser ikunu miftuħin mis-7.00am sas-6.00pm.

**Laqgħa ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard**

Ser issir laqgħa fil-Knisja Bażilika fis-5.45pm mmexxija mill-Kan. Dun Reuben Micallef u fiha Renato J. Costigan ser ikellimna fuq Dun Mikiel. Kulħadd huwa mistieden. Il-laqgħa ser tkun imxandra wkoll diretta fuq Mnarjalive.